**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 29 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**-vs-**

**Rita Grech nee` Armeni detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 303182M**

*Kumpilazzjoni Nru. 228/2015*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Rita Grech u ċioè talli:

Nhar it-8 ta' Mejju, 2013, fil-Qorti ta' Malta, l-Belt Valletta:

1. tat xhieda falza fi proċeduri kriminali dwar reat; u
2. ħalfet falz quddiem Imħallef li għandu s-setgħa bil-liġi li jagħti ġurament.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' kundanna applika espressament il-piena ta' interdizzjoni ġenerali.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandhiex l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputata tinsab akkuzata li tat xhieda falza nhar it-8 ta' Mejju, 2013. Dakinhar hi xehdet bil-gurament quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Dr. David Scicluna fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Emanuel Grech***. F'dik ix-xhieda l-imputata kienet qalet li fil-hin li kienet l-Agenzija Appogg waqt *supervised access* fil-prezenza ta' zewg social workers, dahal binha iz-zghir Savion u *"Qalli tani xebgha, neza', qalli fid-duda…Fil-parti tieghu, qalli ara x'ghamilli mami n-nannu…kellu marka*[1]*… Fuq il-parti tieghu qalli ghax umbghad ghidtlu kif jista' jkun b'hadida*[2]*….u ezatt nezghali gharwien..Ehe rajt tbengila jien [Dif: Jigifieri int rajt tbengila fuq il-parti tieghu] Ehe*[3]*…Le l-qalziet neza hux."*[4]

Illi spjegat fi ftit kliem, quddiem il-Qorti tal-Appell, l-imputata qalet li x'hin kienet fil-hin ta' *supervised access* fil-presenza ta' zewg *social workers,* dahal binha u qallilha li kien qala' daqqa minghand nannuh fil-parti tieghu, u tispecifika *"fid-duda".* F'hin minnhom tghid li l-minuri neza' gharwien pero` ftit wara tghid li neza l-qalziet.

Ghaldaqstant sabiex jigi determinat jekk l-imputata, fix-xhieda taghha fil-kors tal-proceduri appellatorji, qallitx is-sewwa meta ddeskriviet dak li sehh fil-kors tas-*supervised access* li sehh fl-24 t'Awissu, 2011, ghandha tigi ezaminata x-xhieda tal-persuni li kienu prezenti ghas-supervizzjoni imsemmija.

Illi **Dr Carina Testa,** li dakinhar kienet is-supervisor xehdet *"U f'dan il-kaz filfatt fl-24 t'Awwissu tas-sena 2011 kien hemm incident partikolari. Bazikament milli niftakar u minn dak li jien stess ktibt f'dak ir-rapport. .... the youngest child Savion showed his stomach to his mother and told her that his grandfather hit him with an iron rod. He stated 'in-nannu taghni daqqa ta' hadida'. The mother then asked him whether it hurt and whether he cried. The child answered yes and that he told his father about it. The mother looked shocked to hear about such news*[5]*.... gholla l-flokk u wera zaqqu lil ommu".*[6]

Illi Dr. Testa tinnega li f'xi hin il-minuri ghamel xi azzjoni ohra hlief li gholla l-flokk:

[1] Fol.8
[2] Fol.9
[3] Fol.10
[4] Fol.11
[5] Fol.104. Vide rapport a fol.108
[6] Ibid.

*"Avukat: Apparti li gholla l-flokk it-tifel ghamel xi hag'ohra?*
*Xhud: Le jien milli niftakar li t-tifel gholla l-flokk, qal lil ommu li n-nannu tah daqqa ta' hadida, ommu ovvjament dehret ixxukjata biex nghid hekk, saqsietu jekk qalx lil missieru u t-tifel qal iva li qal lil missieru u qal ukoll li kien weggha.*
*Avukat: Iva imma apparti li gholla l-flokk it-tifel wera xi postijiet ohra lil omm?*
*Xhud: Le jien ma niftakarx li wera postijiet ohra.".*[7]

Illi supervisor ohra li kienet prezenti dakinhar tal-24 ta'Awissu, 2011, kienet **Charmaine Scicluna** li tenniet li *"Savion, iz-zghir, kien gie u qal quddiem ommu u quddiemi bhala supervisor, u anke wriena genbu u qalilna li n-nannu kien tah daqqa ta' hadida....kien go genbu iva"*. Tinnega li t-tifel wera x'imkien iehor lil ommu u tiftakar li l-marka li kellu kienet *"Fuq genbu zgur...It-tifel gholla l-flok u qalila "araha""*. Mitluba tghid jekk ghamilx xi haga ohra apparti li kien gholla l-flokk, hi skjetta fir-risposta taghha *"Le"*.[8]

**Illi bix-xhieda taghhom, is-supervisors jinneggaw li t-tifel f'xi hin nehha l-qalziet jew addiritura neza' gharwien kif xehdet l-omm quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali. Lanqas ma rrizulta li l-minuri wera xi post iehor ghajr ghal genbu.**

Illi l-imputata **Rita Grech** ghazlet li tixhed u terga ttenni li Savion nezgha[9] u qalilha li nannuh tah daqqa fil-parti tieghu *"Li kellu daqqa fil-parti tieghu ……rajtlu t-tbengila rajtlu d-daqqa hux"*.[10] Mistqosija mill-Qorti tinsisti li rat d-daqqa fuq in-naha tal-lemin tal-groin *"Iva rajtha jien….ghax rajtha hux. Hawnhekk kienet ezatt"*.[11] In kontro-ezami l-imputata tasal biex tghid li *"t-tifel nezali gharwien,…. Quddiem tnejn tal-Appogg ukoll, filfatt gew jixhdu wkoll."*[12]

Illi dak li l-imputata tinsisti li gara fil-kors tal-access nhar l-24 t'Awissu, 2011, u li precedentement irrakontat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, hu kontradett miz-zewg xhieda okulari li taghmel riferenza ghalihom l-istess imputata. L-imputata ma tistax titwemmen kif lanqas kellha titwemmen dakinhar tat-8 ta' Mejju, 2013. Bla dubbju x-xhieda taghha ma ghandhiex mis-sewwa.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

---

[7] Fol.105
[8] Fol.98
[9] Fol.122
[10] Fol.124
[11] Fol.127
[12] Fol.129

Illi t-tieni imputazzjoni hi alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, il-fedina penali tal-imputata u tac-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz inkluz li l-imputata mhix *first-time offender.*

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikolu 105 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, ssib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannaha ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal sentejn millum.

Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikolu 109(2) tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputata l-**interdizzjoni generali** ghal zmien ghaxar snin, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħatja sservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**